MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 18/2005

**Citadel Insurance (C21550) kif surrogata fid-drittijiet ta’ World Wide Import Export Company Ltd kif ukoll l-istess World Wide Import Export Company Ltd**

**vs**

**Sullivan Maritime Limited, kurarturi deputati ghas-socjeta’ estera TPS SRL u kuraturi deputati ghal Criscuolo Massimo
u b’digriet tat-22 ta’ Frar, 2005 l-Avukat Dr Renzo Porsella Flores gie mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lis-socjeta’ estera TPS SRL ta’ Salerno Italia u Criscuolo Massimo persuna assenti minn Malta**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-14 ta’ Jannar, 2005, fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma ta’ erbat elef, disgha mija u

hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4,975) rapprezentanti danni mhallsa mill-attrici lill-assikurat taghha kkagunati waqt il-garr ta' merkanzija appartenenti lil World Wide Import Export Company Ltd fil-*container* GRIU 800 225.2. u dan prevja kull dikjarazzjoni opportun inkluzi dik li l konvenuti huma responsabbli ghad-danni premessi kagun tan-negligenza grossolana jew mod iehor taghhom jew ta' l-impjegati taghhom

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited (C20340) fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-ispejjez kontra taghhom stante illi:
a) Fl-ewwel lok it-talbiet ta' l-atturi huma preskritti bit-terminu annwali ai termini tal-Hague Rules;
b) Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta' konvenuta esponenti kif citata ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi stante illi fi kwalunkwe kaz hija ma agixxietx f'isimha proprju, izda ghan-nom u bhala agent lokali ta' Atlantica S.p.A. di navigazione u ghalhekk l-esponenti kif citata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
c) Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta' konvenuta esponenti mhijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi;
d) Minghajr pregudizzju ghall-premess, anke li kieku l-esponenti tinzamm responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi, ghandha tinzamm responsabbli biss skond il-limitazzjonijiet ta' responsabbilta' kif stipulat fil-kuntratt ta' garr relattiv u cioe' il-bill of lading.
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kuratur deputat l-Avukat Dr Renzo Porsella Flores mahtur biex jidher ghas-socjeta' barranija TPS SRL ta' Salerno, l-Italja u ghal Massimo Criscuolo, nieqes minn Malta fejn eccepixxa:

Illi huwa ma jaf xejn dwar il-fatti tal-kawza u jirriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ohra hekk kif l-atturi jghaddulu kull taghrif li ghandhom – fosthom l-indirizzi ta' TPR SRL u ta' Massimo Criscuolo – sabiex jaqbad maghhom u jigbor it-taghrif mehtieg biex jikkontesta t-talbiet attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq il-kap tal-preskrizzjoni kif eccepiet mis-socjeta' Sullivan Maritime fl-eccezzjonijiet taghha. Din poggiet ostakolu ghall-azzjoni attrici bil-perkors ta' sena fl-isfond ta' l-Artikolu 3 (6) tal-Hague Rules.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' World Wide Import Export Limited impurtat Malta kwantita' ta' panna vegitali permezz ta' *refrigerated container* bin-numru GRUI 800 255.2. Din il-merkanzija waslet Malta fil-31 ta' Jannar, 2003 u giet rilaxxata fis-6 ta' Frar, 2003. Meta nfetah il-*container* instab li t-temperatura kienet issettjata hamsa u ghoxrin (25) grad taht iz-zero, meta din suppost li kellha tkun ghaxar (10) gradi fuq iz-zero. Ghalhekk, l-ikel ma giex accettat mid-Dwana u kellu jigi distrutt jew mibghut lura.

Is-socjeta' World Wide Import Export ghamlet *claim* ma' l-assigurazzjoni taghha, is-socejta' attrici Citadel Insurance, illi wara l-process normali hallset is-somma ta' erbat elef, disgha mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm4,975).

Is-socjeta' attrici dahlet f'korrispondenza mas-socjeta' Sullivan Maritime li kienet l-armaturi tal-vapur illi ngab il-*container* fuqu. Jidher illi sar skambju ta' korrispondenza sakemm fl-ahhar, permezz ta' ittra datata 22 ta' Mejju, 2003 is-socjeta' Sullivan Maritime informat formalment lis-socjeta' attrici illi hija, bhala rapprezentant tal-vapur, sidien u l-agenti tal-vapur, ma kienux responsabbli ghad-danni subiti fil-*container* imsemmi. Permezz ta' nota ta' l-

24 ta' Novembru, 2005, (fol 45) is-socjeta Sullivan Maritime eccepiet l-Artikolu 3 (6) tal-Hague Rules, li jtenni illi, "In any event, the carrier and the ship shall be discharged from all liability in respect of loss or damage unless suit is brought within one year after the delivery of the goods or the date when the goods should have been delivered."

Ikkunsidrat:

Skond l-artikolu fuq imsemmi, ghalhekk it-terminu ta' sena beda jghaddi minn dakinhar li s-socjeta' World Wide Import Export company inceviet il-merkanzija u cioe' fis-6 ta' Frar, 2003. Pero' kien hemm perijodu meta l-partijiet kienu qeghdin jiddiskutut dan il-kaz fejn giet skambjata korrispondenza biex isibu l-kawza tal-hsarat ikkawzati lill-merkanizja fuq imsemmija.

B'emendi ricenti li dahlu invigore fil-15 ta' Awissu, 2005, fejn l-Artikolu 2125 tal-Kodici Civili gie mizjud b'subinciz (d) permezz ta' l-Avviz legali 288/2005, inghad, "The running of prescription in regards to an action for damage is suspended during the time before the commencement of the course when negotiations are taking place between all or any of the parties or their insurers having opposing interests in the claim."

Dan ifisser, quindi, illi t-terminu msemmi l-artikolu 3(6) tal-Hague Rules irid ikun soggett ghal din il-kondizzjoni.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' Sullivan Maritime permezz ta' ittra datata 23 ta' Mejju, 2003, (fol. 36) infurmat lis-socjeta' World Wide Import Export Company Limited illi hija bhala agenti tal-vapur, is-sidien u l-istess vapur ma kienux responsabbli gahd-danni u nuqqasijiet illi kien hemm f'dan il-kaz u ghalhekk kienu qeghdin jinnegaw kull responsabilita'.

Il-Qorti jidhrilha, quindi illi minn din id-data beda ghaddej it-terminu ta' sena kif rikjest mill-Hague Rules, liema sena skadiet fit-22 ta' Mejju,2004. Kif jidher mill-avviz, dan ta' l-ahhar gie pprezentat fl-14 ta' Jannar, 2005 u ghalhekk it-

terminu ta’ sena ghadda favur is-socjeta’ konvenuta Sullivan Maritime, li ghandha dritt tecepixxi b’success l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi fil-konfront ta’ din l-ahhar socjeta’ din il-kawza hija preskritta. Pero’ l-Qorti tinnota wkoll illi gew imharrka Kuraturi Deputati ghas-socejta’ estera TPS SRL Limited ta’ Salerno l-Italja u Kuraturi Deputati ghal Massimo Criscuolo persuna assenti minn Malta. Din is-socjeta’ u persuna mhumiex imsemmija fil-polza tal-karigu, li kopja taghha tinsab esebita a fol. 33.

Fil-kawza deciza fil-Qorti ta’ l-Appell sede Nferjuri, fis-17 ta’ Novembru, 2004 fl-ismijiet <u>GasanMamo noe et vs Sea Malta Company Limited</u> (Avviz 405/02) il-Qorti kkonfermat il-principju fondamentali tal-ligi marittima li l-polza tal-karigu taghmel prova bejn il-partijiet kollha nteressati fit-taghbija, kif ukoll bejnithom u l-assiguraturi bla hsara ta’ prova kontrarja. Fuq il-polza, l-identifikazzjoni tax-*shipper* hija moghtija bhala CODAP SPA, Contrada Casale – Area Industriale 81025 Marcianise (CE) Italy, mentri l-*consignee* huwa s-socjeta’ World Wide Import Export Company Limited. Il-*carrier* huma l-Grimaldi Group illi taghha Sullivan Maritime huma l-agenti. Quindi, huma dawn it-tliet partijiet illi huma marbuta f’relazzjoni kuntrattwali naxxenti mill-polza fuq imsemmija.

Ghalhekk, il-Kuraturi Deputati mahtura ghas-socjeta’ estera TPS SRL, ta’ Salerno u ghal Massimo Criscuolo mhumiex marbuta bil-Hague Rules u ghalhekk huma soggetti ghal-ligi ordinarja illi tippreskrivi terminu ta’ sentejn ghall-hlas ta’ danni mhux ikkagunati b’reat, fil-kuntest ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk, bejn l-ittra ta’ Sullivan Maritime tat-22 ta’ Mejju, 2003 u l-prezentata ta’ l-avviz, fl-14 ta’ Jannar, 2005 ma lehqux ghaddew is-sentejn, u ghahekk fil-konfront tal-Kuraturi Deputati l-azzjoni attrici tista’ treggi.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta biss fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-Kuraturi Deputati fil-kwalita' taghhom premessa.

Spejjez ghal dan il-gudikat ghas-socjetajiet attrici.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------